MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 355/2013

**Xerri Animal Feed Co. Ltd., (C20476)**

**vs**

**Angelo Bilocca u Pauline Bilocca**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Angelo Bilocca u Pauline Bilocca li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu lil din il-Qorti tirrevoka, a tenur tal-Art 836 (1)(F) tal-Kap 12, mandat ta’ sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom minn Xerri Animal Feed Co.Ltd. fl-ammont ta’ €37224.40.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet  taghha tas-16 ta’ April, 2013 li permezz tieghu il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat de

quo, ordnat notifika tar-rikors u ffissat l-istess ghas-smiegh.

Rat it-twegiba ta’ Xerri Animal Feed Co. Ltd. Li, ghar-ragunijiet fiha mfissra, talbet lil Qorti tichad it-talba tal-konjugi Bilocca.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April fejn id-difensur tar-rikorrenti Angelo Bilocca iddikjarat illi r-rikors minnha mressaq kien fil-fatt rikors ta’ Angelo Bilocca wahdu.

Ikkunsidrat;

Is-socjeta’ Xerri Animal Feed Co. Ltd. Qeghda, permezz tas-sekwestru de quo, tikkawtela kreditu li ssostni li ghandha fil-konfront tal-konjugi Bilocca.

In linea ta’ principju huwa doveruz li l-Qorti ttenni illi kull ezami li jehtieg li jsir fic-cirkostanzi huwa essenzjalment wiehed fuq livell ta’ “prima facie” b’ezami fond u estensiv jibqa’ rizervat ghall-kawza fil-mertu.

Dan premess il-Qorti tikkonsidra illi r-rikorrenti Angelo Bilocca qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-Art 836 (1)(F) li testwalment jipprovdi illi mandat kawtelatorju jithassar:

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Ir-raguni li qieghed jaghti r-rikorrenti ghat-thassir tal-mandat essenzjalment tiddistilla ruhha fil-fatt li jekk il-mandat jibqa fis-sehh, l-annimali li jrabbi ser imutu bil-guh ghaliex m’ghandux mezzi biex jixtri aktar gwiez. Fil-kuntest, din il-Qorti, ghalkemm tissimpatizza mas-sitwazzjoni ta’ dawn il-hlejjaq, ghandha dover sagrosant li tibbilancja dan kollu mal-bzonn tal-kreditur li jikkawtela il-kreditu tieghu bil-mezzi kollha li taghtih il-ligi.

Fil-kaz in ezami ma jirrizulta li hemm xejn aktar li qieghed jikkonforta l-kreditur li xi darba jista jigbor xi haga minn flusu.  Il-Qorti tinnota ukoll illi l-assi ta' Angelo Bilocca jinsabu kollha ffrizata in segwitu ta' proceduri kriminali.  Il-mandat ta' inibizzjoni tentat biex izomm lill-konjugi Bilocca milli jghabbu l-proprjeta' immobbli ghad ma kellu ebda ezitu favorevoli ghall-kreditur, u l-Qorti tirrizerva li tipprovdi jekk u meta xi proprjeta' immobbli toffri garanzija xierqa.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-15 ta' April, 2013.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn Angelo Bilocca.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------